



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.3.2007
KUMM(2007) 152 finali

2004/0154 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE

dwar

pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-għan li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiddetermina r-regoli ġenerali għall-għoti ta' ghajjnuna finanzjarja tal-Komunità fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u ta' l-enerġija

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 251(2) tat-Trattat tal-KE

dwar

pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-għan li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiddetermina r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja tal-Komunità fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u ta' l-enerġija

1. L-ISFOND

Data tat-trażmissjoni tal-proposta tal-Kummissjoni lill-PE u lill-Kunsill (COM(2004) 475 –2004/0154(COD))	14.7.2004
Data ta' l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	10.3.2005
Data ta' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:	26.10.2005
Data tat-trażmissjoni tal-proposta emendata tal-Kummissjoni lill-PE u lill-Kunsill (COM(2006) 245 – 2004/0154 (COD)):	24.5.2006
Data ta' l-adozzjoni tal-pożizzjoni komuni:	22.3.2007

2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Fl-14 ta' Lulju 2004, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiddetermina r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja tal-Komunità fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u ta' l-enerġija, li hija proposta li għandha tiegħu lok ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95.

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiġu ddefiniti l-Kundizzjonijiet, il-mezzi u l-proċeduri għall-għoti ta' l-assistenza Komunitarja għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u l-enerġija abbażi ta' l-Artikolu 155(1) tat-Trattat.

Il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni ġiet emendata fl-24 ta' Mejju 2006, l-aktar sabiex jitqies il-ftehim interistituzzjonali dwar il-qafas finanzjarju tal-Komunità għall-perjodu 2007-2013 ta' April 2006.

Ir-riżorsi baġitarji stipulati fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni jisbqu sewwa l-ammonti stabbiliti fil-qafas finanzjarju 2007-2013 għat-TENs kemm fil-qasam tat-trasport kif ukoll f'dak ta' l-enerġija. Ir-reviżjoni tal-proposta inizjali tar-“Regolament-TENs”, għalhekk, tirriżulta mill-ħtieġa li r-Regolament jiġi adattat għar-riżorsi baġitarji kkonfermati f'April 2006.

Ir-riżorsi stabbiliti fil-qafas finanzjarju jirrappreżentaw biss 40% ta' l-ammont propost inizjalment għas-settur tat-trasport, u 45% ta' dak propost għas-settur ta' l-enerġija. Minħabba dan, jeħtieġ li jiġu adattati l-modalitajiet għall-għoti ta' l-għajnuna (partikolarment il-proċeduri għall-għażla tal-proġetti u r-rati ta' l-għajnuna).

Barra minn hekk, parti mill-emendi proposti mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari tqiesu fil-proposta riveduta. Fl-aħħarnett, ġew introdotti għadd ta' titjibiet ta' abbozzar fil-proposta.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI KOMUNI

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu, b'maġġoranza kwalifikata, fl-22.3.2007. Dan it-test mhux biss jirrappreżenta l-pożizzjoni tal-Kunsill, imma jirrifletti wkoll il-kompromess li ntlaħaq bejn it-tliet istituzzjonijiet wara n-negozjati li saru bejn Settembru u Novembru 2006. Il-President tal-Kumitat tal-Baġit tal-Parlament Ewropew u *r-rapporteur* għal din il-proposta, permezz ta' ittra lill-Presidenza tal-Kunsill, indikaw li, jekk it-test li dwaru ntlaħaq kompromess jiġi adottat mill-Kunsill fil-verżjoni preżenti tiegħu kienu se jirrakkomandaw lill-Kumitat tal-Baġit u lill-laqgħa plenarja li l-pożizzjoni komuni tiġi adottata mingħajr l-emendi fit-tieni qari quddiem il-Parlament.

Il-pożizzjoni komuni introduċiet għadd ta' tibdiliet fil-proposta tal-Kummissjoni; dawk ewlenin huma elenkati hawn taħt:

- l-Artikolu 2, l-Artikolu 6 u l-anness jintroduċu żewġ forom ġodda għall-għoti ta' l-għajnuna Komunitarja għal proġetti ta' sħubiji pubbliċi-privati fil-qasam tat-trasport. Dawn ġew elaborati f'kooperazzjoni mill-qrib ma' u huma appoġġati mill-Kummissjoni u l-BEI.

- l-Artikolu 5, li jikkonċerna l-għażla tal-proġetti, ġie mmodifikat sabiex dawn ir-regoli jsiru koerenti kemm jista' jkun mal-linji ta' gwida eżistenti tat-trasport u l-enerġija u li jqisu l-fehmiet tal-Kunsill u tal-PE. Dawn huma kollha aċċettabbli għall-Kummissjoni.

- l-Artikolu 6 iżamm fil-biċċa l-kbira tiegħu, u kienu biss ir-rati ta' għajnuna li ġew proposti għall-proġetti prijoritarji ta' il-mijiet interni navigabbli u proġetti prijoritarji dwar l-enerġija li ma ġewx aċċettati. Il-Kummissjoni jiddispijaciha li r-rati li pproponiet ma ġewx appoġġati kollha kemm huma, iżda taċċetta l-kompromess.

- l-Artikolu 7.1, dwar in-nuqqas ta' kumulazzjoni ta' l-għajnuna finanzjarja tal-Komunità, tħassar. Minkejja li l-Kummissjoni kienet tippreferi li dan il-paragrafu jinżamm, tqis li l-prinċipju tan-nuqqas ta' kumulazzjoni mhuwiex affettwat.

Il-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni dwar din il-kwistjoni, u din ġiet meħmuża mal-PV tal-Kunsill tat-TTE f'Diċembru (ara d-dikjarazzjoni meħmuża).

- l-Artikolu 8 ġie modifikat flit, sabiex jiġi ċċarat li l-programmi ta' ħidma japplikaw biss għall-kriterji stipulati fid-deċiżjonijiet tal-linji ta' gwida u r-Regolament-TEN u la jżidu, la jemendaw u lanqas inaqqsu elementi mhux essenzjali ta' l-att bażiku. Il-Kummissjoni tappoġġja dawn il-modifiki..

- l-Artikolu 9 ġie emendat sabiex tiġi żgurata l-konsultazzjoni mal-kumitat regolatorju għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-ammont ta' għajnuna finanzjarja li għandu jingħata għall-proġetti jew għall-partijiet minnhom li jintgħażlu. Il-Kummissjoni tista' taċċetta din il-konsultazzjoni.

- l-Artikolu 15, dwar il-kumitat li jrid jiġi konsultat għal ċerti deċiżjonijiet tal-Kummissjoni – pereżempju dwar il-programm ta' ħidma – ġie emendat sabiex il-kumitat ikun wieħed regolatorju minflok wieħed konsultattiv. Il-Kummissjoni tista' taċċetta kumitat regolatorju, kif kien il-każ fir-Regolament 2236/95.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tqis li l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill la tibdel l-għan ewlieni u lanqas l-ispirtu tal-proposta tagħha, u għaldaqstant, hija fil-qagħda li tappoġġa l-pożizzjoni komuni. Tinnota b'sodisfazzjon li l-pożizzjoni komuni tirrifletti l-istat tan-negozjati interistituzzjonali, filwaqt li tippermetti l-adozzjoni ta' din il-proposta mill-istadju tat-tieni qari.

Anness: dikjarazzjoni dwar in-nuqqas ta' kumulazzjoni

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' kumulazzjoni:

"Il-kwistjoni tal-kumulazzjoni tal-finanzjament Komunitarju ta' sorsi varji ta' finanzjament għall-istess proġett ilha tthabbat lill-Kummissjoni. Il-Qorti ta' l-Awdituri ġibdet l-attenzjoni dwar din il-kwistjoni fir-rapporti tagħha dwar l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tan-netwerks trans-Ewropej.

Fil-kuntest tal-programmi operattivi li jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Fondi Strutturali u/jew il-Fond ta' Koeżjoni, strumenti finanzjarji tal-Komunità għajr dawk il-Fondi, ma jistgħux jissostitwixxu l-kofinanzjament nazzjonali meħtieġ.

In-nefqa fi proġett li huwa parti minn programm operattiv li jirċievi għajjnuna finanzjarja mill-fondi Strutturali u/jew il-Fond ta' Koeżjoni ma tistax tibbenefika minn finanzjament Komunitarju ieħor. Għalhekk meta n-nefqa, pereżempju għal apparat ERTMS jew l-elettrifikazzjoni ta' linja ferrovjarja, ma tkunx qed tirċievi għajjnuna finanzjarja mill-fondi Strutturali u/jew il-Fond ta' Koeżjoni, tista' tibbenefika minn finanzjament TEN Il-bini nnifsu tal-linja ferrovjarja jista' jiġi ffinanzjat mill-ERDF jew il-Fond ta' Koeżjoni.

Il-proġetti jistgħu ukoll jitqassmu f'sezzjonijiet ġeografiċi, li jistgħu jiġu kofinanzjati jew mill-ERDF/Fond ta' Koeżjoni jew minn finanzjament-TEN.

Fl-ġhoti ta' sussidji TEN, il-Kummissjoni għalhekk se tivverifika li l-proġetti ma jkunux irċevew finanzjament mill-Fondi Strutturali jew il-Fond ta' Koeżjoni.

Wara konsultazzjoni mal-Qorti ta' l-Awdituri, il-Kummissjoni se toħroġ ukoll linji ta gwida lill-Istati Membri dwar kif jistgħu jiġu kkombinati l-istrumenti varji ta' finanzjament."